**REĠJUN ĊENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru 57

IL-Ħamis , 28 ta' Mejju, 2015

Il-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, L-Imsida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, ippresieda.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| President tar-Reġjun | Stefan Cordina | Preżenti |
| Sindku L-Imsida | Margareth Baldacchino Cefai | Skużata |
| Viċi Sindku B'Kara | Rita Borg | Preżenti |
| Kunsillier San Ġwann | Dominic Cassar | Preżenti |
| Sindku Il-Gżira | Conrad Borg Manche | Preżenti |
| Sindku Ta' Xbiex | Maximillian Zammit | Preżenti |
| Sindku Sliema | Anthony Chircop | Preżenti |
| Sindku Santa Venera | Stephen Sultana | Preżenti |
| Sindku Ħal Lija | Magda Magri Naudi | Preżenti |
| Sindku Il-Pietà | Keith Tanti | Skużat |
| Viċi-Sindku L-Iklin | Dorian Sciberras | Preżenti |
| Sindku Ħal Balzan | Dr Ian Spiteri | Preżenti |
| Viċi-Sindku San Ġiljan | Guido Tanti | Preżenti |

**UFFIĊJALI**

Segretarju Eżekuttiv: Jeanette Galea

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru 56 li saret nhar il-Ħamis, 23 ta' April 2015, kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Anthony Chircop, sekondat mis-Sur Dominic Cassar.

## 2. ĦWEJJEĠ LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI

Il-Kunsillier ta’ San Ġwann, is-Sur Dominic Cassar, staqsa jekk dan ir-Reġjun kellux risposta mill-kumpanija Guard and Warden Service House Ltd. fuq it-talbiet li kienu ressqu l-membri ta’ dan ir-Reġjun fil-laqgħa preċedenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, spjegat li ma kellha l-ebda risposta min-naħa ta’ din il-kumpanija.

Is-Sindku ta’ tas-Sliema, is-Sur Anthony Chicop, spjega kif il-Kunsill tiegħu kien iddeċieda li mit-tqassim tal-fondi ta’ LES kien qed jonfoq parti minnhom biex iħallas għas-servizz tal-ECO Wardens. Dan peress li fil-laqgħa numru 55, il-membri tar-Reġjun kienu ddeċidew li dan is-servizz għandu jitwaqqaf u li r-Reġjun għandu jerġa’ jikkonsidra din il-problema wara li tkun saret ir-riforma tal-iskema tal-Gwardjani Lokali. Is-Sur Chircop spjega li għalkemm qed tkun spiża kbira għall-Kunsill ta’ Tas-Sliema, il-Kunsill jemmen li l-ECO wardens huma bżonnjużi.

Is-Sindku ta’ Ħal Balzan, Dr Ian Spiteri, staqsa fuq is-sitwazzjoni tal-Gwardjani Lokali f’din il-lokalità speċjalment minħabba l-kaos li qed ikun hemm filgħodu fil-ħinijiet tal-iskola.

l-Uffiċċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler, spjega li l-Gwardjan Lokali għandu rotta bejn Ħal Balzan, Ħal Lija u Ħ’Attard. Is-Sur Soler ħa nota ta’ dan u informa lil Dr Spiteri li ser jinforma lill-Gwardjan Lokali kkonċernat biex jagħmel rotta ta’ siegħa filgħodu f’dawn l-inħawi.

## 3. APPROVAZZJONI TA’ L-*AUDITED FINANCIAL STATEMENTS*

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, informa lill-membri tar-Reġjun li peress li l-accountant, is-Sur Brendan Camilleri, kellu laqgħa oħra, informa lill-membri preżenti biex jistiednu lis-Sur Camilleri u jimxu għall-ħames punt li kien hemm fuq l-aġenda.

Is-Sur Brendan Camilleri ppreżenta l-*audited financial statements* u spjega kif kien hemm xi tibdil, mod speċjali minħabba l-pagamenti online. Spjega wkoll kif kien hemm titjib mill-2013 għal-2014, speċjalment peress li fl-2014 ir-Reġjun beda jqassam ammonti mid-dħul lill-Kunsilli Lokali sabiex isiru proġetti.

Il-membri staqsew meta ser jerġa’ jitqassam ammont ieħor mid-dħul taċ-ċitazzjonijiet u s-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fil-laqgħa numru 55, kien ġie deċiz li dan it-tqassim għandu jsir wara li jkunu saru l-*quarterly reports*.

Fuq proposta tas-Sur Conrad Borg Manche, sekondat mis-Sinjura Magda Magri Naudi, kien hemm qbil unanimu bejn il-membri kollha preżenti, sabiex jekk hemm minn fejn jerġa’ jitqassam ammont, dan għandu jsir mill-aktar fis possibbli.

## 4. KORRISPONDENZA

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, ressqet fuq il-mejda *e-mail* mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, fejn is-Segretarju Eżekuttiv ta' Ħal Lija xtaqet tinforma lill-membri tar-Reġjun li l-flus li tqassmu mil-LES ser jitużaw biex isiru:

- Żewġ bankini fi Triq Annibale Preca - €750.00
- Xogħol ta' patching fi Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela - €9,032.28
- Servizz ta' elettriku ġdid fil-Mitħna - €712.35

Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

## 5. CAMERAS – CCTV U SPEED CAMERA

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, ressqet fuq il-mejda it-talba mill-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema biex ikun *hemm speed* camera f'Tower Road (il-parti bejn it-Torri u *Surfside*).

Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, spjega fuq il-problema li tinsab f'din it-Triq fejn ġraw diversi aċċidenti u għalhekk f'din il-parti tat-Triq hemm żewġ żebra crossings.

Din it-talba ntlaqgħet mill-membri preżenti u għalhekk għandha tintbagħat e-mail lill-Transport Malta b'din it-talba.

Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, staqsa jekk tistax titwaħħal CCTV Camera f'din il-lokalità minħabba li kien hemm incident fatali u li f'din iż-żona partikolari qed ikun hemm ħafna *double* parking u dan ikun qed jikkaġuna ħafna ostakolazzjoni.

L-Uffiċċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler, ta rendikont tad-dħul u tal-ispejjez li jikkonċernaw is-CCTV Cameras u spjega kif dawn qed irendu.

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, spjega li kulħadd għandu jżomm f'moħħu u jikkonsidra talba ta' CCTV jekk ikun hemm il-bżonn.

Il-President, is-Sur Cordina, staqsa jekk kienx hemm aktar domandi mill-membri fuq dan is-suġġett.

Is-Sindku tal-Gzira, is-Sur Conrad Borg Manche' spjega kif il-Kunsill tiegħu jixtieq jintroduċi s-sistema tan-*neighbourhood watch*.

Is-Sur Cordina spjega li din l-inizjattiva tista' ssir permezz ta' koordinazzjoni mal-Pulizija biex ikunu jistgħu jsiru laqgħat mar-residenti. Dan jiddependi kollu mill-kooperazzjoni li wieħed isib.

Is-Sur Borg Manche' kompla jispjega li l-Kunsill kellu f'moħħu li jinstalla kameras, speċjalment minħabba l-problema tal-iskart.

Il-membri tar-Reġjun spjegaw li bil-kameras, il-problema mhux ser titranġa b'mod faċli speċjalment minħabba li jkun irrid ikun hemm persuna inkarigata fil-Kunsill biex tagħmel

monitoraġġ u bħala manpower ma jidhirx li l-Kunsill jista' jiddedika din il-persuna u dan apparti l-kumplament tal-ispejjez involuti.

***18:17pm Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit, wasal għal din il-laqgħa.***

## 6. MISTOQSIJIET

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet min-naħa tal-membri.

is-Sur Stephen Sultana staqsa x'jiġri fin-nuqqas tal-President peress li għadu ma nħatarx Viċi President.

Is-Sinjura Galea spjegat li din id-domanda staqsieta lil Dr Angele Vella kif ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv tal-AKL, fejn għalissa ma kien hemm l-ebda direzzjoni. Iżda l-opinjoni taghħa kienet li għandu jippresiedi l-laqgħa l-iktar membru anzjan fir-Reġjun.

Press li l-iktar membru anzjan seniorhuwa is-Sur Dominic Cassar, il-President staqsa jekk hux interessat.

Is-Sur Cassar spjega li ma jixtieqx jieħu din il-kariga.

Fuq proposta tas-Sur Guido Dalli, sekondat mis-Sur Maximillian Zammit, il-membri tar-Reġjun qablu li s-Sur Anthony Chircop għandu jkun il-Viċi President fuq bażi temporanja.

## 7. KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, spjega li għalkemm saru diversi komunikazzjonijiet mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, kif ukoll mal-avukata tad-Dipartiment, Dr Angele Vella, u mas-Segretarju Eżekuttiv tal-AKL, dan ir-Reġjun għadu qed jistenna biex jiġi gwidat.

Is-Sur Cordina spjega li kif ikun hemm xi żvilluppi, il-membri ta' dan ir-Reġjun ser ikunu infurmati minnufih.

## 8. AFFARIJIET OĦRA

### 8.1 *Aġġornament fuq il-kera tal-garaxx f'Baħar iċ-Ċagħaq*

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, informa lill-membri preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, tkellmet ma' sid il-garaxx, is-Sur George Seychell, biex il-kera tiġġedded għal perjodu ta'

sentejn b'ħlas ta' €2,400 kull sena, hekk kif kien ġie deċiż fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun. Is-Sur Seychell qabel u għalhekk sar kuntratt ġdid.

### *8.2 Aġġornament fuq il-Kuntratt tal-Mowbajl*

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, informa lill-membri preżenti li wara l-aħħar laqgħa ta' dan ir-Reġjun, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, talbet kjarifika mid-Dipartiment fuq dan is-suġġet. L-Assistant Direttur, is-Sur Paul Pace, ikkonferma li Memo 21/2013 tapplika kemm għall-Kunsilli Lokali kif ukoll għall-Kumitati Reġjonali. Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv kompla miexi bil-proċess.

### *8.3 Aġġornament fuq is-sejħa ta' Accounts Officer*

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, informa lill-membri li issa li ġew stabilliti r-rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali li kellhom l-elezzjoni f'April li għaddha, hemm bżonn li jinħatar bord ġdid (mhux inqas minn 3 u mhux aktar minn 5) biex jiltaqgħu u jħejju *shortlisting* tal-kandidati u wara jsiru l-intervisti.

Għal din ir-raġuni, il-membri ddeċidew li s-Sur Stefan Cordina, is-Sur Anthony Chircop, is-Sur Stephen Sultana flimkien mas-Sur Conrad Borg Manche' għandhom ikunu fuq dan il-Bord.

### *8.4 Aġġornament fuq is-sejħa ta' Executive Officer*

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, spjega li dan ir-Reġjun kien ħareġ sejħa għal żewġ Executive Officers. Iż-żewġ persuni magħżula kienu s-Sur Danilo Bezzina u s-Sinjorina Rachel-Ann Said. Is-Sur Bezzina kien aċċetta s-sejħa tagħna u kien beda l-impjieg tiegħu mill-1 ta' April 2015. Is-Sinjorina Said kienet irrifjutat.

Fil-minuti Nru 55 kien issemma li t-tielet applikant magħżul huwa s-Sur Keith Vassallo u r-raba' applikanta hija s-Sinjorina Antonella Baldacchino. Meta staqsejna lis-Sur Vassallo, dan kien irrifjuta u s-sejħa kellha tiġi sospiża temporanjament peress li wħud mill-membri tal-Bord kienu għaddejjin bil-preparamenti tal-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Illum, is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sinjura Galea, ċemplet lir-raba' applikant, is-Sinjorina Antonella Baldacchino, biex tikkonferma jekk għadhiex interessata għal dan l-impjieg. Is-Sinjorina Baldacchino ikkonfermat li għadha interessata.

Għal din ir-raġuni, jekk m'hemm l-ebda oġġezzjoni, is-Segretarju Ezekuttiv għandha tinforma lis-Sindjorina Baldacchino biex tibda l-impjieg tagħha mill-1 ta' Ġunju 2015.

Jekk is-Sinjorina Baldacchino taċċetta dan l-impjieg, is-Sinjura Jennifer Soler, għandha tiġi mgħarfra li l-impjieg tagħha se jiġi terminat fl-1 ta' Lulju 2015.

Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

### *8.5 Użu tal-karozza privata mir-Reġisitratur*

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, speja li r-Reġistratur tat-Tribunal, is-Sinjorina Lydia Zammit kienet qed tagħmel użu mill-karozza privata biex tkun tista' tmur u tiġi mill-uffiċċju amminsitrattiv sal-uffiċċju tat-Tribunal u viċi-versa. Skont il-Public Management Service Code – taħt il-paragrafu numru 8.2.10, ir-rata ta' rimbors għal min jagħmel użu mill-karozza privata tiegħu fuq xogħol uffiċjali hija ta' €0.31 għal kull kilometru. Iżda, fil-15 ta' Mejju, intbagħtet ċirkulari Nru 2 mill-Ministeru tal-Finanzi fejn din ir-rata saret €0.32 għal kull kilometru. Ir-Registratur flimkien mal-kaxxier, qed jużaw karozza waħda biex imorru u jiġu għat-tribunal u għalhekk dan il-ħlas għandu jibda jingħata lis-Sinjorina Lydia Zammit li tagħmel użu mill-karozza personali tagħha. Jekk il-membri kollha jaqblu, ir-Registratur tibda titħallas minn Mejju 2015 'il quddiem.

Kien hemm qbil dwar dan.

### *8.6 Kirja tal-Uffiċċju tat-Tribunal.*

Il-President, is-Sur Stefan Cordina, spjega li għalkemm il-kirja ta' dan l-uffiċċju tagħlaq f'Novembru 2015, dan ir-Reġjun għandu jinforma sid il-post jekk ir-Reġjun hux ser iġġedded din il-kirja madwar sitt xhur qabel jagħlaq il-kuntratt attwali.

Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, spjega kif ftit tal-ġimgħat ilu kienet saret laqgħa bejn il-membri tal-Kumitat Konġunt fejn kien ġie diskuss li hemm xi ħlas dovut mir-Reġjun lil dan il-Kumitat. Iżdal-informazzjoni kollha għandha titressaq aktar 'il quddiem għall-attenazjoni tal-membri ta' dan ir-Reġjun meta jkun hemm l-informazzjoni kollha miġbura.

Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, spjega li minħabba l-ammont tal-kirja, għandu jinħareġ tender.

Il-membri tar-Reġjun qablu li għandha tingħata direzzjoni mid-Diparttiment biex ir-Reġjun ikun jista' jipproċedi.

### *8.7 Kuntratt ta' technician tal-kompjuters*

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat li dan ir-Reġjun għandu bżonn ikollu kuntratt ma' technician tal-kompjuters u għal din ir-raġuni ressqet fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet. Spjegat ukoll kif ir-Reġjun kien qiegħed jagħmel użu mis-servizzi ta' Keyin Computer Services Ltd. u dan dejjem ipprovda servizz tajjeb u effiċċjenti.

Is-Sindku ta’ Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, issuġġerixxa li jekk dan ir-Reġjun jagħżel lill-Keyin Computer Services Ltd., dan għandu jagħti servizz lill-ewwel tliet Kunsill Lokali li jkollhom bżonn jagħmlu użu għal dan is-servizz ukoll.
Kien hemm qbil bejn il-membri biex ir-Reġjun jipproċedi mal-offerta ta’ Keyin Computer Services Ltd jekk jaċċetta din il-proposta.

**10. APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

Dott. Ian Spiteri, sekondat mis-Sur Conrad Borg Manche’, ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 57. Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

**11. TMIEM**

Fis-7.00pm ntemmet is-seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta 16 ta’ Ġunju, 2015 fil-5.30pm

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv

**Konfermati:**

Stefan Cordina
President